MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 121/2006

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI
LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;
Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);
P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London), P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 1 ta' Novembru tas-sena 2006**

**Numru 9**

**Avviz numru: 121/06 SM**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Pinnacle Limited u Mariella Geres**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti in solidum ghall-hlas tas-somma ta' elf, disa' mija u tnejn u tmenin Lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (LM1,982.44,0), bilanc ta' somma akbar rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 322817, 322810 u 322815 dana skond ma kif jidher mill-annessi dokumenti mmarkati Dok A, B, C, D E u F;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet flimkien mat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali kontra l-konvenuti mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-24 ta' Ottubru tas-sena 2006 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------